

(2) L-effetti tal-annullament tad-Deċiżjoni 2010/413 u tad-Deċiżjoni 2010/644 huma limitati għall-perijodu preċedenti għad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/783/PESK, tal-1 ta' Diċembru 2011, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413.

(3) Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni fuq it-talba ta' Bank Saderat intiża sabiex ir-Regolament Nru 961/2010 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1245/2011, tal-1 ta' Diċembru 2011, li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 961/2010, jkunu annullati b'effett immedjat.

(4) Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.

(5) Kull parti għandha tbat i-ispejjeż tagħha.

(<sup>1</sup>) ĠU C 328, 04.12.2010.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Marzu 2013 — Fabryka Łożysk Tocznych-Kraśnik vs UASI — Impexmetal (FŁT-1)**

(Kawża T-571/10) (<sup>1</sup>)

**(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva FŁT-1 — Trade mark Komunitarja figurattiva preċedenti FŁT — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)**

(2013/C 129/32)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

**Partijiet**

Rikorrenti: Fabryka Łożysk Tocznych-Kraśnik S.A. (Kraśnik, il-Polonja) (rappreżentant: J. Sieklucki, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: K. Zajfert, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Impexmetal S.A. (Varsavja, il-Polonja) (rappreżentant: K. Pyszków, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tas-6 ta' Ottubru 2010 (Każ R 1387/2009-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Impexmetal S.A. u Fabryka Łożysk Tocznych-Kraśnik S.A.

**Dispożittiv**

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Fabryka Łożysk Tocznych-Kraśnik S.A. hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 63, 26.02.2011

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Marzu 2013 — Andersen vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-92/11) (<sup>1</sup>)

**(“Għajjnuna mill-Istat — Għajjnuna mogħtija mill-awtoritajiet Daniżi favur l-impriża pubblika DSB — Kuntratti ta' servizz pubbliku għall-provvista ta' servizzi ta' trasport ferrovjarju ta' passiġġieri bejn Kopenhagen u Ystad — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajjnuna kompatibbli mas-suq intern taħt ċerti kundizzjonijiet — Applikazzjoni razione temporis tad-dispożizzjonijiet legali sostantivi”)**

(2013/C 129/33)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrent: Jørgen Andersen (Ballerup, id-Danimarka) (rappreżentanti: M. Nissen, G. van de Walle de Ghelcke u J. Rivas Andrés, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Maxian Rusche u L. Armati, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-konvenuta: Ir-Renju tad-Danimarka (rappreżentanti: C. Vang, aġent, assistit minn K. Lundgaard Hansen u R. Holdgaard, avukati); u Danske Statsbaner (DSB) (Kopenhagen, id-Danimarka) (rappreżentanti: S. Kalsmose-Hjelmborg u M. Honoré, avukati)

**Suġġett**

Talba għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/3/UE, tal-24 ta' Frar 2010, dwar il-kuntratti ta' servizz pubbliku ta' trasport bejn il-Ministeru Daniż tat-Trasport u Danske statsbaner (Għajjnuna mill-Istat C-41/08 (ex NN 35/08)) (ĠU 2011, L 7, p. 1).

**Dispożittiv**

(1) It-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/3/UE, tal-24 ta' Frar 2010, dwar il-kuntratti ta' servizz pubbliku ta' trasport bejn il-Ministeru Daniż tat-Trasport u Danske statsbaner (Għajjnuna mill-Istat C-41/08 (ex NN 35/08)) huwa annullat.

(2) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata tbat i-ispejjeż tagħha stess kif ukoll dawk sostnuti minn Jørgen Andersen, bl-eċċezzjoni ta' dawk ikkawżati mill-interventi.

(3) Ir-Renju tad-Danimarka huwa kkundannat ibati i-ispejjeż tiegħu stess kif ukoll dawk sostnuti minn J. Andersen minħabba l-intervent tiegħu.

(4) Danske Statsbaner (DSB) hija kkundannata tbat i-ispejjeż tagħha stess kif ukoll dawk sostnuti minn J. Andersen minħabba l-intervent tagħha.

(<sup>1</sup>) ĠU C 103, 02.04.2011.